# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 12 ta' Mejju, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Dragan Kiprijanovski**
**Ivana Dimkovska**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija:-

**Dragan Kiprijanovski** detentur tad-dokument (REFCOM no. 20029/16) u

**Ivana Dimkovska** detentrici tal-passaport numru B0867456;

Akkuzati talli f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda minn gewwa l-istabbiliment Drinks and More li jisnab fi Vjal ir-Rihan, San Gwann u/jew fil-vicinanzi, nhar l-11 ta' Mejju, 2016 u it-12 ta' Mejju, 2016 f'hinijiet differenti ikkommettew serq ta' oggetti (fliexken tax-xorb u/jew prodotti ohra) ghad-detriment ta' Philippe Gatt u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti mill-prosekuzzjoni.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstabu hatja l-imputati, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tikkundannahom sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien sentejn.

**DR DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**